# Albert Camus: Il-kultura indiġena... il-kultura ġdida Mediterranja (1)



## Minn Toni Aquilina lil Oliver Friggieri, sinonimu għaliha mal-kultura Mediterranja fil-linja ta' ħsieb ta' Albert Camus li dwaru u xogħlijiet u tant nieħdu gost niddiskutu

Il-linji prinċipali tat-taħdita f'nhar il-ftuħ uffiċjali ta' *Dar il-Kultura*[1] fit-8 ta' Frar 1937.[2]

**I.** – *Dar il-Kultura*, li qed titressaq quddiemkom illum, għandha l-għan li sservi kultura Mediterranja. Fidila għall-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw id-Djar ta' dan it-tip, hija trid tagħti kontribut biex tinħoloq, f'qafas reġjonali, kultura li l-eżistenza u l-kobor tagħha m'għadx hemm ħtieġa li jintwerew. F'dan ir-rigward, forsi hemm ħaġa sorprendenti għall-fatt li intellettwali tax-xellug jaslu biex iqiegħdu lilhom infushom għas-servizz ta' kultura li bl-ebda mod ma tidher tinteressa l-kawża tagħhom, u saħansitra, f'ċerti każijiet, setgħet tiġi ikkapparrata (bħal fil-każ ta' Maurras[3]) minn dottrinarji tal-lemin.

Tkun ta' servizz għall-kawża ta' reġjonaliżmu Mediterranju, fil-fatt, kapaċi jidher eżerċizju ta' tisħiħ fir-rigward ta' tradizzjonaliżmu bla siwi u mingħajr ġejjieni, jekk mhux ukoll wieħed li jeżalta s-superjorità ta' kultura fuq oħra u, ngħidu aħna, jqajjem popli Latini kontra popli Nordiċi biddħul tal-faxxiżmu mill-bieb ta' wara. Din hija fehma żbaljata li qatt mhi se timbidel. L-għan ta' din it-taħdita hu biex naraw nistgħux niċċarawha. L-iżball kollu dovut għall-fatt li n-nies iħawdu Mediterranjetà ma' Latinità[4], u jqiegħdu f'Ruma dak li beda f'Ateni. Aħna m'għandniex dubju dwarha dilħaġa; ma tistax tkun kwestjoni ta' xi forma jew oħra ta' nazzjonaliżmu taxxemx. Mhux fina li nkunu lsira tat-tradizzjonijiet u norbtu l-ġejjieni ħaj tagħna ma' impriżi diġà mejta. Tradizzjoni hi  passat li jiffalsifika l-preżent. Il-Mediterran li jdawwarna hu, bil-maqlub, reġjun ħaj, mimli logħob u tbissim. Mill-banda l-oħra, in-nazzjonaliżmu ġarraf lilu nnifsu bl-għemejjel tiegħu. In-nazzjonaliżmi dejjem jitfaċċaw fl-istorja bħala sinjali ta' dekadenza. Meta l-edifiċju enormi tal-Imperu Ruman[5] jiġġarraf, meta l-unità spiritwali tiegħu, li fiha tant reġjuni differenti sabu l-ġustifikazzjoni tal-ħajja, tixxejjen, hu f'dak il-waqt biss, fissiegħa tad-dekadenza li jitfaċċaw in-nazzjonalitajiet. Ilu minn dakinhar li l-Oċċident għadu mingħajr l-unità tiegħu. Fil-mument li ninsabu fih bħalissa, l-internazzjonaliżmu qed jipprova jagħtih lura s-sinifikat vera tiegħu u l-vokazzjoni li tappartjeni lilu. Biss il-prinċipju m'għadux aktar Nisrani, m'għadux aktar dak ta' Ruma pontifiċja tal-Imperu Sagru Ruman. Il-prinċipju, hu l-bniedem. L-unità m'għadhiex aktar fit-twemmin iżda fit-tama. Ċivilizzazzjoni ddum ħajja biss sakemm, anki bin-nazzjonijiet kollha żradikati, l-unità u l-kobor tagħha jiġu minn prinċipju spiritwali. L-Indja, tista' tgħid kbira daqs l-Ewropa, bla nazzjonijiet, bla sultan, żammet il-fiżjonomija proprja tagħha, anki wara żewġ sekli ta' dominazzjoni Ingliża.

Hekku r-raġuni għala, qabel kull konsiderazzjoni oħra, aħna niċħdu l-prinċipju ta' xi nazzjonaliżmu Mediterranju. Barra minn hekk, impossibbli jkun hemm xi kwestjoni ta' kultura Mediterranja superjuri. Il-bniedem jesprimi ruħu f'armonija mar-reġjun tiegħu. U s-superjorità, fil-qasam tal-kultura, tinstab biss f'din l-armonija. Ma teżistix kultura akbar jew iżgħar. Jeżistu kulturi aktar jew anqas ta' vera. Aħna nixtiequ biss ngħinu reġjun jesprimi lilu nnifsu. Lokalment. Xejn aktar. Il-mistoqsija rilevanti hija: tista' kultura ġdida Mediterranja ssib postha?

**II.** – VERITAJIET EVIDENTI. – a) Hemm baħar Mediterranju, baċir li jqabbad ma' xi għaxar pajjiżi. L-irġiel iħanxru fil-kabarejiet ta' Spanja[6], dawk jiġġerrew madwar il-port ta' Ġenova, mal-mollijiet ta' Marsilja, ir-razza felħana u għatxana għat-tagħlim li tgħix fuq xtutna, ħerġin mill-istess familja. Meta wieħed jivvjaġġa fl-Ewropa, jekk jerġa' jinżel lura lejn l-Italja jew Provenza[7], joħroġ tnehida ta' faraġ xħin jiltaqa' mill-ġdid ma' rġiel mċewlħa, ma' dik il-ħajja mżewqa u b'saħħitha li aħna lkoll midħla tagħha. Qattajt xagħrejn fl-Ewropa Ċentrali, mill-Awstrija sal-Ġermanja, nistaqsi lili nnifsi mnejn kienet ġejja dik is-sensazzjoni stramba ta' guffaġni tagħfas fuq spallejja, dik l-ansjetà siekta tikolli qalbi. M'ilnix ħafna li fhimt. Dawn in-nies kienu dejjem ordnati sa ruħ ommhom. Ma jafux b'telqa. Ma jafux x'inhi hena[8], daqstant differenti middaħk. B'danakollu huwa b'dettalji bħal dan t'hawn li wieħed jista' jagħti tifsira valida għall-kelma Patrija. Il-Patrija mhix l-astrazzjoni li timbotta 'l-irġiel biex imorru jitqâtlu[9], iżda dik iċ-ċerta preferenza għall-ħajja li jaqsmu bejniethom ċerti ħlejjaq, li permezz tagħha dak li jkun iħossu eqreb Ġenoviż jew Majorkan milli Normann jew Alsasjan.[1] Dak li hu l-Mediterran, dik ir-riħa jew fwieħa li għalxejn tgħid x'inhi: inxommuha lkoll kemm aħna fuq persuntna.

b) Hemm veritajiet evidenti oħrajn, din id-darba storiċi. Kull darba li xi duttrina ltaqgħet mal-baċir Medterranju, fil-ħabta t'idejat li segwiet, dejjem il-Mediterran baqa' bla mittiefes, ir-reġjun li ħareġ rebbieħ fuq id-duttrina. Fil-bidu tiegħu, il-Kristjaniżmu kellu duttrina tqanqlek imma magħluqa, qabel kollox Lhudija, ma tafx b'kompromessi, ħarxa, esklussiva u tiġbidlek l-attenzjoni. Mit-tlaqqigħ tagħha mal-Mediterran ħarġet duttrina ġdida: il-Kattoliċiżmu. Mat-taħlita t'aspirazzjonijiet sentimentali tal-bidu żdiedet duttrina filosofika. Il-monument traqqam, issebbaħ – ġie addattat għall-bniedem. Bis-saħħa tal-Mediterran, il-Kristjaniżmu seta' jidħol fid-dinja biex jagħti bidu għall-karriera mirakoluża li aħna midħla tagħha.[1]

Terġa', huwa wkoll Mediterranju, Franġisku t'Assisi, li għamel mill-Kristjaniżmu, sa żmienu ġewwieni għal kollox u għafsi, innu lin-natura u hena inġenwa. U l-uniku tentattiv li qatt sar biex il-Kristjaniżmu jinfired mid-dinja, ġej minn wieħed Nordiku; nafuh dan lil Luteru.[1] Il- Protestantiżmu strettament huwa l-Kattoliċiżmu maqlugħ 'il barra mill-Mediterran u l-influwenza tiegħu teżalta u hija ta' deni fl-istess ħin.

Ejja nagħtu ħarsa saħansitra aktar mill-qrib. Għal dawk li għexu fil-Ġermanja kif ukoll fl-Italja, huwa evidenti l-fatt li l-faxxiżmu m'għandux l-istess fattizzi fiż-żewġ pajjiżi. Fil-Ġermanja tħoss li qiegħed kullimkien, fuq l-uċuħ tan-nies, fit-toroq tal-ibliet. Dresde, belt militari, qed tifga taħt il-madmad ta' għadu inviżibbli. Fl-Italja, l-ewwel li ma tħoss huwa l-pajjiż. Dak li jolqtok l-ewwel f'Ġermaniż, huwa l-Hitlerjan li jagħtik merħba billi jgħidlek: "Heil Hitler!" F'Taljan, huwa r-raġel dħuli u ferrieħi. Hawnhekk ukoll jidher li d-duttrina rtirat quddiem ir-reġjun – u hu miraklu tal-Mediterran li jippermetti lil min jaħseb b'mod uman għajxien mingħajr oppressjoni f'pajjiż b'liġijiet inumani.

### ALBERT CAMUS

*1. Ċentru artistiku u kulturali għall-kommunità f'Alġeri, ta' ispirazzjoni kommunista, li tiegħu Albert Camus kien is-segretarju ġenerali.*

*2. Dan id-diskors wara ġie ppubblikat fl-ewwel fuljett ta' kull xahar ta' "Dar il-Kultura" t'Alġeri, Jeune Méditerranée, f'April 1937.*

*3. Charles Maurras (1868-1952), il-kofundatur kemm tal-École romane, skola ta' poeżija neoklassika, kif ukoll tal-moviment lemini estrem Action française, bi prinċipji anti-Semiti, Kattolċi, Monarkiċi u Nazzjonalisti.*

*4. Wieħed jista' jiddeskrivi Latinità l-aħjar billi jikkunsidraha bħala l-ekwivalenza Rumana għall-Elleniżmu.*

*5. Mill-kuntest irridu nifhmu li Camus hawnhekk qed jirreferi għall-Imperu Sagru Ruman li beda bl-Inkoronazzjoni ta' Karlumanju mill-Papa fis-sena 800 u baqa' sejjer sa meta Franġisku tal-Awstrija rrinunzja għat-titlu fl-1806, li hu mbagħad isemmi ftit tal-linji aktar 'il quddiem.*

*6. Hawnhekk Camus qed jiftakar fil-cafés chantants li kien żar f'Palma de Majorca f'1935 u li nebbħuh meta ġie biex jikteb Amour de vivre / Imħabba għall-Ħajja, waħda mill-essejs letterarji f'L'Envers et l'endroit / Il-Maqlub u s-Sewwa: "La nuit à Palma, la vie reflue lentement vers le quartier des cafés chantants, derrière le marché. /F"Palma (de Majorca) matul il-lejl, il-ħajja togħkos ħelu ħelu lejn id-distrett tal-kabarejiet, wara s-suq."*

*7. Għal darb'oħra Camus qed jitnebbaħ minn esperjenza personali waqt żjara li għamel fl-Ewropa fl-1936 . F'La mort dans l'âme / Il-Mewt fir-Ruħ, esej oħra f'Il-Maqlub u s-Sewwa, hu jirreferi għall-Italja bħala "Terre faite à mon âme / Art pinna għas-serħan ta' ruħi".*

*8. F'nota isfel ta' waħda mill-paġni f'Imħabba għall-Ħajja insibu dal-preċiżi kelmiet: "Il y a une certaine aisance dans la joie qui définit la vraie civilisation. / Hemm ċertu serħ fil-hena li jagħti d-definizzjoni ta' ċivilizzazzjoni ta' vera."*

*9. Hawn Camus ċertament qed jaħseb fl-Ewwel Gwerra Dinjija li fiha ħalla ħajtu missieru, sena biss wara t-twelid tiegħu.*

*10. Camus kien minn għalih li l-familja ta' missieru ġejja minn Alsace mentri fil-fatt kienet minn Bordeaux. Il-familja t'ommu ġiet minn Minorka.*

*11. Dawn ir-rimarki ta' Camus fuq l-istorja bikrija tal-Kristjaniżu rridu nqisuhom fil-kuntest tat-teżi tiegħu għall-grad ta' DES (diplôme d'Études supérieures) li ppreżenta fl-1936 u li ġġib l-isem: "Métaphysique chrétienne et néoplatonisme / Metafiżika Nisranija u Neoplatoniżmu".*



Albert Camus, Filosfu Franċiż